DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

tat-23 ta' Ġunju 2010

li taħtar imħallfin fil-Qorti Ġenerali

(2010/362/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sinjuri Josef AZIZI, Valeriu CIUCĂ, Ottó CZÚCZ, Franklin DEHOUSSE, Sten FRIMODT NIELSEN, Marc JAEGER, Küllike JÜRIMÄE, Heikki KANNINEN, Eugénia MARTINS DE NAZARÉ RIBEIRO, Arjen W. H. MEIJ, Savvas S. PAPASAVVAS, Juraj SCHWARCZ, Mihalis VILARAS, u Irena WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, imħallfin fil-Qorti Ġenerali, ser jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2010.

(2) Il-gvernijiet tal-Istati Membri pproponew it-tiġdid tal-mandati ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali tas-Sinjuri Josef AZIZI, Ottó CZÚCZ, Franklin DEHOUSSE, Sten FRIMODT NIELSEN, Marc JAEGER, Küllike JÜRIMÄE, Heikki KANNINEN, Eugénia MARTINS DE NAZARÉ RIBEIRO, Savvas S. PAPASAVVAS, Juraj SCHWARCZ u Irena WISZNIEWSKA-BIAŁECKA. Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-adegwatezza tal-ħdax-il imħallef imsemmi hawn fuq għall-qadi tad-dmirijiet ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali. Il-kandidatura tas-Sur Ottó CZÚCZ ġiet suċċessivament irtirata.

(3) Jaqbel li wieħed jipproċedi għall-ħatra tal-għaxar membri tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016; il-ħatra tal-imħallfin għall-erba' postijiet li jifdal ser isseħħ aktar tard,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma maħtura bħala mħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016:

Is-Sur Josef AZIZI

Is-Sur Franklin DEHOUSSE

Is-Sur Sten FRIMODT NIELSEN

Is-Sur Marc JAEGER

Is-Sinjura Küllike JÜRIMÄE

Is-Sur Heikki KANNINEN

Is-Sinjura Eugénia MARTINS DE NAZARÉ RIBEIRO

Is-Sur Savvas S. PAPASAVVAS

Is-Sur Juraj SCHWARCZ

Is-Sinjura Irena WISZNIEWSKA-BIAŁECKA

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2010.

Il-President

C. BASTARRECHE SAGÜÉS